**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, il-25 t'Ottubru 2022**

Kaz Nru: 167/13

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Pierre Grech)

**kontra**

**Denis Cremona**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 365475(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Denis Cremona** iben Paul u Carmen nee' Azzopardi, imwieled Pieta nhat it-23 ta' Lulju 1975, residenti 2, BLK 13, Triq il-Pitkali, Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 365475M, akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fis-27 ta' Settembru 2009 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:-

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew

ghall-uzu tal-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mil-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikat afl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fi-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova il d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kf susegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta

d) Sar recidiv wara sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar it-2 ta' April 2009 mill-Magistrat Dr. C.Scerri Herrera LL.D. liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi li kienu gia instemghu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta fit-28 ta' Settembru 2009 kien gie arrestat certu Jason Micheal Micilone. Micilone, fl-istqarrija tieghu lill-pulizija, kien iddikjara li huwa kien xtara d-droga minghand siehbu l-qua imputat – Denis Cremona. Cremona kien gie arrestat mal-imputat wara li allegatament anke instab fil-pussess fiziku tas-sustanza heroina.

Fil-mori tal-proceduri gew esebiti diversi oggetti u sustanzi elevati mill-pussess ta' Cremona u Micilone. Dawn gew ezaminati mill-espert xjenzat Godwin Sammut, li min-naha tieghu kkonkluda:

> *"Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 118_18_01 (PG2) instabet is-sustanza eroina. Il-piz total tas-sustanza u trab kien ta' 0.74grammi u l-purita' kienet ta'*

*circa 11%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*Illi fuq estratti mehuda mill-pipa li hemm fid-dokument 118_18_01 (PG1) ma nstabetx id-droga."*

Mid-deskrizzjoni mghotija mir-relazzjoni ta' Sammut jirrizulta li PG1 giet elevata minghand Jason Michael Micilone filwaqt li PG2 minghand il-qua imputat.

Illi l-ufficjali li waqqfu, arrestaw u ghamlu t-tfittxijiet fuq Micilone u l-qua imputat ma hadux il-pedana tax-xhieda f'din il-kawza. Ghaldaqstant din il-Qorti hija sprovista minn prova diretta ta' l-oggetti li nstabu fil-pussess tal-qua imputat u Micilone. Huwa minnu li Sammut ikkonkluda li mis-sustanza elevata minghand il-qua imputat instabet is-sustanza herojina. Madanakollu din il-Qorti ma ghandha l-ebda prova diretta (li ma hijiex detto del detto) li dak l-oggett gie elevat mill-pussess ta' Cremona. Konsegwentament t-tielet imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Apparti x-xjenzat Godwin Sammut, il-prosekuzzjoni pproduciet biss bhala xhieda lill-ispetturi Victor Aquilina u Pierre Grech. Pierre Grech xehed principalment dwar l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat li ser tigi indirizzata iktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Filwaqt li l-ispettur Victor Aquilina xehed principalment dwar dak li kien qalu Micilone fl-istqarrija li kien ta lill-pulizija. Jason Michael Micilone ma gie qatt prodott bhala xhud.

Fid-dawl ta' dawn il-provi l-unika prova konkreta fil-konfront tal-qua imputat hija propju l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat stess fl-istadju tal-investigazzjonijiet. Din l-istqarrija giet irrillaxata fit-28 ta' Settembru 2009 lill-ispettur Pierre Grech fil-prezenza ta' PS891 Oscar Baldacchino. L-imputat fl-ebda hin ma gie offrut id-dritt tal-assistenza legali, lanqas b'mod ristrett ghal qabel tibda l-istqarrija. Mill-atti processwali jirrizulta li l-qua imputat talab l-isfilz ta' din l-istqarrija minhabba l-possibilita' li din ittiehdet bi ksur tad-drittijiet tieghu u bi pregudizzju ghad-difiza tieghu. Konsegwentament dina l-Qorti ser tikkunsidra l-valur probatorju li ghandha tinghata lill-istqarrija rrillaxata f'dawn ic-cirkostanzi.

Illi jirrizulta li dina l-istqarrija ttiehdet fis-sena 2009 skond il-ligi vigenti dak iz-zmien. Mill-istess atti processwali ma jirrizultawx ragunijiet impellenti li minhabba fihom l-imputat ma setghax ikun assistit permezz ta' avukat jew prokuratur legali waqt l-interogazzjoni. L-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni jew minn tal-inqas offrut din l-opportunita' kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx

tippermettieha. Din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[1], minn analizi tal-atti processwali fl-assjem taghhom jirrizultalha li l-istqarrija kienet wahda inkriminanti tant li hija l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat. Il-prosekuzzjoni tant strahet fuq l-istqarrija li hija ghazlet li ma tressaqx provi ohra li kjarament huma kellhom u dana sabiex jistriehu fuq l-istess stqarrija. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha migbura u l-interieta' tal-proceduri fil-konfront tal-imputat ma thossx li jkun *safe and satisfactory* li tistrieh fuq l-istqarrija rrillaxxata mill-qua imputat ai fini ta' reita' o meno tal-imputazzjonijiet addebitati lill-qua imputat. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tiskarta l-istess stqarrija fil-kunsiderazzjonijiet taghha.

Stabbilit dan u galadarba hekk kif gia nghad, l-istqarrija kienet l-unika prova tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u galadarba ma hemm l-ebda prova diretta ta' ness bejn l-imputazzjonijiet kif dedotti u l-qua imputat, din il-Qorti ser tillibera lill-qua imputat mill-istess imputazzjonijiet.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat Denis Cremona mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur

[1] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).